ĦAŻ-ŻABBAR
*Citta` Hompesch*

**Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV ST PETER'S**

# <u>Il-Pjan tal-Ħidma</u>

**2012 - 2014**

**Il-Werrej**


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni | 1 |
| L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri | 2 |
| L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji | 3 |
| Analiżi tal-Ħidma tal-Kumitat Amministrattiv | 5 |
| Tbassir dwar il-Finanzi u u r-Rendiment | 7 |
| L-Iżvilupp Kapitali | 11 |

*1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni*

Dan il-Pjan tal-Ħidma ikopri s-snin 2012-2014.

Matul is-sena 2012 il-Kumitat Amministrattiv qed jistma dħul ta' €86,940 li €66,740 minnhom ser jidħlu mill-allokazzjoni tal-Gvern.

Qed jiġi stmat dħul ieħor ta' €20,000 minn skemi ta' għajnuniet finanzjarji li l-Kumitat diġa applika għalihom u l-kumplament tal-fondi mistennija jidħlu minn Servizzi Komunitarji.

Qed jiġi previst li l-infiq għas-sena finanzjarja 2012 ikun ta' €104,494, li minnhom €48, 000 ser ikun Infiq Kapitali filwaqt li l-ammont ta' €56, 494 ser jintefaq fuq il-voti taħt Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra.

Fis-sena 2013 l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija tibqa' prattikament l-istess u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €67,000. Taħt Servizzi Komunitarji il-Kumitat Amministrattiv mistenni jdaħħal €200.

L-infiq għall-istess sena mistenni jkun ta' €62, 350.

Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej : €57,350 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €5, 000 fuq Infiq Kapitali.

Fis-sena 2014 l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija ukoll tiżdied marġinalment u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €68,000. L-infiq għall-istess perjodu mistenni jkun ta' €63, 350.

Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej : €58,350 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra, filwaqt li €5, 000 ser imorru fuq Infiq Kapitali.

Maria Elena Debattista
Chairman

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

Bi pjan li jpoġġi r-residenti fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu, il-Kumitat Amministrattiv St Peter's jfittex li jindirizza l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tar-residenti.

## 2.2 Il-Valuri

Il-ħidma tal-Kumitat Amministrattiv hija bbażata mill-valuri:

**Effiċjenza u Akkontabilita`**, fejn il-ħidma kollettiva tkun waħda li tfittex li ttejjeb is-servizzi offruti mill-Kunsill u jiġi assigurat l-valur għall-flus minfuqa.

## *3.0 L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji*

### 3.1 L-Għanijiet u r-Rizultati Mistennija matul is-snin 2012-2014

| **L-Għanijiet** | **Ir-Riżultati Mistennija** |
|---|---|
| Billi nindirizzaw l-ilmenti tal-pubbliku b'mod aktar effettiv. | L-għan hu li ċ-ċittadini jħossuhom parti mill-komunita u li qed jingħataw l-aħjar servizz possibbli. |
| Nħeġġu l-**parteċipazzjoni** attiva taċ-ċittadini Żabbarin speċjalment dawk taż-żona St Peters fil-ħidma tal-Kumitat Amministrattiv. | Li l-proġetti proposti jiġu attwati bil-koperazzjoni u l-kontribut taċ-ċittadini. |
| Li **ngħollu** u **ntejbu** l-livell soċjali, edukattiv, kulturali u sportiv fil-lokal tagħna. | Li jitwettqu numru ta' proġetti fl-oqsma soċjali, edukattivi, kulturali u sportivi. |
| Nassiguraw l-aħjar immaniġjar tal-fondi bil-għan li tiżdied l-**effiċjenza** u l-**effettivita`**. | Isir użu aħjar tal-iskemi li jinħarġu mill-Gvern. |

**3.3 L-Istrateġiji** L-għanijiet tal- Kumitat Amministrattiv jistgħu jintlaħqu biss jekk ix-xogħol isir kif ippjanat billi jingħarfu kemm l-opportunitajiet li jeżistu kif ukoll il-limitazzjonijiet kbar li l Kumitat Amministrattiv għandu.

Kif jidher fir-rapport finanzjarju li qed jiġi ppreżentat f'dan il-pjan, il-finanzi tal-Kumitat Amministrattiv huma limitati ħafna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kumitat Ammisitrattiv irid ifittex mezzi alternattivi biex isib finanzjament għal ċerti proġetti. Dan ser isir billi:

1, Isir dak kollu possibli biex jinġiebu fondi minn skemi li joħroġ il-Gvern Ċentrali u li għalihom jkun eliġġibli l-Kumitat Amministrattiv.

2 Jiġu esplorati modi ta' kif jitnaqqas l-infiq tal-Kumitat mingħajr ma titnaqqas l-kwalità tas-servizz offrut.

Il-parteċipazzjoni tar-residenti hija essenzjali fil-ħidma tal- Kumitat Amministrattiv. Għaldaqstant il-Kumitat Amministrattiv ser ikompli jikkonsulta mal-pubbliku biex itejjeb l-operat tiegħu. Dan jista' ikun possibbli biss jekk iċ-ċittadini Żabbarin jinvolvu ruħhom f' dan il-proċess ta' konsultazzjoni.

Kull ħidma, biex tkun effettiva, trid tkun miftuħa għall-bidla. Għalhekk il-Kumitat għandu jevalwa, iqabbel u jkejjel il-ħidma li tkun qiegħda ssir mal-għanijiet u l-istrateġija li hawn elenkati f'dan il-pjan.

Fl-aħħar irid isir koordinament biex dan il-pjan li qed jiġi propost isir b'mod ħolistiku.

Għaldaqstant l-istrateġija ser tkun ibbażata fuq erba' binarji li huma:

| |
|---|
| Fondi supplimentari |
| Konsultazzjoni pubblika |
| Evalwazzjoni |
| Koordinament |

## 4.1 L-Organizzazzjoni

Għas-snin li ġejjin l-istruttura tal-organizzazzjoni amministrattiva trid tkompli tkun kompattibbli mal-funzjonijiet tal-Kunsill.




Id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kumitat Amimistrattiv wara li dan jikkunsidra r-rapporti, l-ilmenti u s-suġġerimenti tal-pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv jimplimenta d-deċiżjonijiet bl-għajnuna tal-Assistenti Amministrattivi u l-Uffiċjali Eżekuttivi kif ukoll jiddelega xogħol ieħor lill-ħaddiema assenjati.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Fis-sena 2012 mistenni jsir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marżepp li l-ispiża tiegħu mistennija tlaħħaq aktar minn €43, 000.

Fis-snin 2013-2014 mhux ser ikun possibli li jsir xogħol ta' natura kapitali mill-allokazzjoni tal-Gvern, jekk il-Kumitat mhux ser iġib fondi minn sorsi jew skemi oħra.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

*5.0 It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment*

### 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2012-2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dħul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 86,740.00 | 67,000.00 | 68,000.00 | 221,740.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| 0090 | L-Investiment | | | | |
| 0100 | Generali | | | | |
| | **TOTAL** | **86,940.00** | **67,200.00** | **68,200.00** | **222,340.00** |
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | | | | |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 56,494.00 | 57,350.00 | 58,350.00 | 172,194.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 48,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 58,000.00 |
| | **TOTAL** | **104,494.00** | **62,350.00** | **63,350.00** | **230,194.00** |
| | **BILANĊ FAVUR / (KONTRA)** | **(17,554.00)** | **4,850.00** | **4,850.00** | **(7,854.00)** |
| | **X'KELLNA QABEL** | 23,844.51 | 6,290.51 | 11,140.51 | 23,844.51 |
| | **X'GĦANDNA ISSA** | 6,290.51 | 11,140.51 | 15,990.51 | 15,990.51 |

**Noti:**

Mis-sena 2012 l-Infiq tal-Kumitat Amministrattiv mistenni jeċċedi d-Dħul u dan minħabba l-fatt li ser jitwettaq xogħol ta' *resurfacing.* Għal din id-differenza fl-infiq ser jagħmlu tajjeb fondi li ġejjin mis-snin ta' qabel, li għalkemm ser ikunu naqsu konsiderevolment għandhom ikunu biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għal din id-diskrepanza bejn id-dħul u l-infiq.

### 5.3 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2012-2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dhul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 66,740.00 | 67,000.00 | 68,000.00 | 201,740.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubblici/Governattivi | | | | |
| 0015 | Hwejjeg ohra | 20,000.00 | | | 20,000.00 |
| | | **86,740.00** | **67,000.00** | **68,000.00** | **221,740.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | | | | |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | | | | |
| 0066 | Generali | | | | |
| | | **200.00** | **200.00** | **200.00** | **600.00** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | | | | |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| **0100** | **Generali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | | |
| | | | | | |
| | | **86,940.00** | **67,200.00** | **68,200.00** | **222,340.00** |

## Noti:

Id-dħul mil-Gvern Ċentrali fis-sena 2012 mistenni jkun ta' €66,740. F'din is-sena qed jiġi stmat li l-Kumitat ser ikun qed idaħħal €20,000 minn skemi ta' għajnuna mill-Gvern.

Id-dħul fis-sena 2013 mistenni jkun ta' €67, 000 mill-Gvern Ċentrali.

Fis-sena 2014 id-dħul totali qed jiġi stmat li jkun ta' €68, 200. Taħt Servizzi Komunitarji qed jiġi stmat biss l-ammont ta' €200 minn ħlas ta' permessi ta' skips u makkinarju.

## 5.4 Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2012-2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | | | | |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | | | | |
| 1300 | Bonus | | | | |
| 1400 | Dhul Supplimentari | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjoniċt tas-Sigurtà Soċjali | | | | |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | | | | |
| 1700 | Sahra | | | | |
| **2000** | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel. etc.) | | | | |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 524.00 | 524.00 | 524.00 | 1,572.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 12,926.00 | 12,926.00 | 12,926.00 | 38,778.00 |
| 2400 | Kera | | | | |
| 2500 | Shubija f'Ghaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | | | | |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| 2700 | Trasport | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| 2800 | Safar u vvjaggar | | | | |
| 2900 | Taghrif lill-Publiku | | | | |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 42,144.00 | 43,000.00 | 44,000.00 | 129,144.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| 3200 | Tahrig | | | | |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | | | | |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | | | | |
| 3600 | Spejjez tal-Gwardjani Lokali | | | | |
| | | **56,494.00** | **57,350.00** | **58,350.00** | **172,194.00** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | | | | |
| 7200 | Titjib | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 15,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | | | |
| 7500 | Progetti Specjali | 43,000.00 | | | 43,000.00 |
| | | **48,000.00** | **5,000.00** | **5,000.00** | **58,000.00** |
| | **TOTAL** | **104,494.00** | **62,350.00** | **63,350.00** | **230,194.00** |

## Noti:

Il-proġetti speċjali li mistennija jsiru fis-sena 2012 ser ikunu xogħolijiet ta' *resurfacing* ta' Triq il-Marżepp.

Matul is-snin 2013 -2014 l-proġetti ta' natura kapitali mistennija jonqsu u dan minħabba l-fatt li matul is-sena ta' qabel il-Kumitat Amministrattiv ser ikun wettaq xogħol li l-ispiża tiegħu mistennija tlaħħaq aktar minn €43,000

## 6.1 It-Tbassir dwar l-Iżvilupp Kapitali għal Tliet Snin

| Nru. tal-Progett | Infieq Kapitali<br>Deskrizzjoni tal-Progett | 2012<br>KONT<br>€ | 2012<br>PROGETT<br>€ | 2013<br>KONT<br>€ | 2013<br>PROGETT<br>€ | 2014<br>KONT<br>€ | 2014<br>PROGETT<br>€ | 2012-2014<br>TOTAL TAL-KONT<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **7001** | **Xiri ta' Propjeta** | | | | | | | |
| **7100** | **Bini u Kostruzzjoni** | | | | | | | |
| **7200** | **Titjib** | 5,000.00 | | 5,000.00 | | 5,000.00 | | 15,000.00 |
| | Sinjali tat-traffiku u Ismijiet ta' Toroq | | 1,500.00 | | 1,500.00 | | 1,500.00 | |
| | Bozoz Godda | | 2,000.00 | | 2,000.00 | | 2,000.00 | |
| | Titjib Urban | | 1,500.00 | | 1,500.00 | | 1,500.00 | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | | | | | | | |
| **7500** | **Progetti Specjali** | 43,000.00 | | | | | | 43,000.00 |
| | Resurfacing ta' Triq il-Marzepp | | 43,000.00 | | | | | |
| | **TOTAL Progetti Godda** | 48,000.00 | | 5,000.00 | | 5,000.00 | | 58,000.00 |